



KUNSILL EWROPEW

Brussell, 20 ta' April 2011 (27.04)
(OR. en)

EUCO 10/1/11
REV 1

CO EUR 6
CONCL 3

NOTA TA' TIFSIR

minn : Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill


lil : Delegazzjonijiet

Suġġett : **KUNSILL EWROPEW**
24/25 ta' MARZU 2011

KONKLUŻJONIJIET


Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (24/25 ta' Marzu 2011).

Nesprimu l-kondoljanzi sinċieri tagħna għat-telf kbir ta' ħajjiet fil-Ġappun u s-solidarjetà tagħna mal-poplu u l-gvern Ġappuniż. Il-ħsibijiet taċ-ċittadini tal-UE qegħdin mal-bosta eluf ta' familji li tilfu lil qrabathom u l-mijiet ta' eluf ta' persuni li issa jridu jerġgħu jibnu ħajjithom u l-komunitajiet tagħhom. Infaħħru l-azzjoni rapida u deċiżiva meħuda mill-awtoritajiet Ġappuniżi. Waqt li nfakkru fil-ħbiberija deġġiema u r-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi mill-qrib li jgħaqqdu l-UE mal-Ġappun, aħna ninsabu determinati li nappoġġaw lill-Ġappun hekk kif huwa jistinka sabiex jegħleb l-isfidi li qiegħed jiffaċċja.



Matul ix-xhur reċenti, l-Ewropa għaddiet minn kriżi finanzjarja serja. Minkejja li l-irkupru ekonomiku fl-Ewropa issa qiegħed fit-triq it-tajba, ir-riskji jibqgħu u aħna għandna nkomplu l-azzjoni determinata tagħna. Illum adottajna pakkett komprensiv ta' miżuri li għandu jippermettilna nħallu warajna l-kriżi finanzjarja u nkomplu fi triqitna lejn tkabbir sostenibbli. Dan il-pakkett ser isaħħaħ il-governanza ekonomika tal-Unjoni Ewropea u jiżgura l-stabbiltà deġġiema taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Aħna qbilna wkoll dwar azzjoni robusta fil-livell tal-UE biex jiġi stimulat it-tkabbir billi jissaħħaħ is-Suq Uniku, jitnaqqas il-piż ġenerali tar-regolazzjoni u jiġi promoss il-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

Iddiskutejna s-sitwazzjoni gravi fil-Libja, filwaqt li esprimejna s-sodisfazzjon tagħna wara l-adozzjoni ta' UNSCR 1973 u ssottolinjajna d-determinazzjoni tagħna li nikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħha. Fir-rigward tal-Viċinat tan-Nofsinhar, tennejna d-determinazzjoni tagħna li niżviluppaw sħubija ġdida mar-reġjun u appellajna għal implimentazzjoni rapida tal-orjentazzjonijiet stabbiliti fil-11 ta' Marzu 2011; qbilna dwar l-ewwel passi konkreti biex nappoġġaw il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar f'terminu qasir. Finalment, iddiskutejna t-tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-avvenimenti li seħħew fil-Ġappun, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà nukleari.



I. POLITIKA EKONOMIKA

1. Il-Kunsill Ewropew illum adotta pakkett komprensiv ta' miżuri li jwieġbu għall-kriżi, jippreservaw l-istabbiltà finanzjarja u jwittu t-triq għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli, soċjalment inklużiv u li jgħalluq l-impjiegi. Dan ser isaħħaħ il-governanza ekonomika u l-kompetittività taż-żona tal-euro u tal-Unjoni Ewropea.

L-implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew: Ewropa 2020, konsolidament fiskali u riforma strutturali

2. Fil-qafas il-ġdid tas-semestru Ewropew, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għal konsolidament fiskali u riforma strutturali.¹ Huwa enfażizza l-hteġa li tingħata prijorità lir-risanament baġitarju u s-sostenibbiltà fiskali, it-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jissaħħaħ it-tkabbir. L-Istati Membri kollha ser jibdli dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li għandhom jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-proposti tagħha għal opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż f'ħin debitu għall-adozzjoni tagħhom qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.
3. B'mod partikolari, l-Istati Membri ser jippreżentaw pjani ta' konsolidament pluriennali li jinkludi miri speċifiċi dwar id-defiċit, id-dħul u l-infiq, l-istrateġija maħsuba biex jintlaħqu dawn il-miri u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-linji politiċi fiskali għall-2012 għandhom jimmiraw sabiex tingħata mill-ġdid il-fiduċja billi x-xejriet tad-dejn jinġiebu lura għal fuq triq sostenibbli u billi jiġi żgurat li d-defiċits jerġgħu jtnizzu għal inqas minn 3 % tal-PDG fl-iskeda ta' żmien miftiehma mill-Kunsill. Fil-bieċa l-kbira tal-każijiet dan jeħtieġ aġġustament strutturali annwali ta' ferm aktar minn 0,5 % tal-PDG. Fl-Istati Membri li qed jiffaċċjaw defiċits strutturali kbar ħafna jew livelli ta' dejn pubbliku għoljin ħafna jew li qed jogħlew b'rata mgħaġġla, il-konsolidament għandu jingħata prijorità.

¹ F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'segwitu għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni. Ara wkoll ir-rapport sintesi tal-Presidenza tas-16 ta' Marzu 2011.

4. L-isforzi għal konsolidament fiskali għandhom jitwettqu flimkien ma' riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenfasizzaw l-impenn tagħhom lejn l-Istrateġija Ewropa 2020. B'mod partikolari, huma ser jimplimentaw miżuri sabiex:
- jagħmlu x-xogħol iktar attraenti;
 - jgħinu lill-persuni qiegħda biex jerġgħu lura fid-dinja tax-xogħol;
 - jiġġieldu kontra l-faqar u jippromwovu l-inklużjoni soċjali;
 - jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
 - jibbilanċjaw is-sikurezza u l-flessibbiltà;
 - jirrifirmaw is-sistemi tal-pensjonijiet;
 - jattiraw il-kapital privat biex jiġi ffinanzjat it-tkabbir;
 - isaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni;
 - u jippermettu aċċess kosteffettiv għall-enerġija u jintensifikaw linji politiċi dwar effiċjenza fl-enerġija.
5. L-Istati Membri ser jistabbilixxu l-miżuri prinċipali meħtieġa għall-mixja lejn il-miri ewlenin tal-Ewropa 2020 kif miftiehma f'Ġunju 2010. Huma ser jippreżentaw ukoll miżuri ta' politika biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi dannużi u persistenti u jtejbu l-kompetittività.
6. Fl-implimentazzjoni ta' dawn il-linji politiċi, u sabiex tiġi żgurata appartenenza wiesgħa, ser tinżamm kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u ma' istituzzjonijiet u korpi konsultattivi (KESE, KtR) oħrajn tal-UE, bl-involvement sħiħ tal-parlamenti nazzjonali, l-imsieħba soċjali, ir-regġuni u partijiet interessati oħra.

7. Is-Suq Uniku għandu rwol ewlieni fit-twassil tat-tkabbir u l-impjiegi u fil-promozzjoni tal-kompetittività. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta l-Att dwar is-Suq Uniku u jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex sal-aħħar tal-2012 jadottaw l-ewwel sett ta' miżuri prijoritarji sabiex jingħata impetu ġdid lis-Suq Uniku. Għandha ssir enfasi partikolari fuq miżuri li joħolqu tkabbir u impjiegi u li jwasslu għal riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji. Għandha ssir enfasi wkoll fuq it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali. Il-piż regolatorju ġenerali, b'mod partikolari għall-SMEs, għandu jitnaqqas kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar din il-kwistjoni sas-sajf. Il-Kunsill Ewropew laqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi modi għall-eżenzjoni tal-mikrointrapriżi minn ċerti regolamenti futuri. Abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn funzjonament aħjar tas-Suq Uniku għas-Servizzi", il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar is-servizzi u lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jieħdu azzjonijiet ulterjuri fejn meħtieġ biex itejbu s-suq intern għas-servizzi.
8. Id-dimensjoni esterna tas-Suq Uniku hija importanti wkoll u l-fokus għandu jkun fuq il-promozzjoni ta' kummerċ ħieles, ġust u miftuħ, b'konċentrazzjoni fuq il-konklużjoni taċ-Ċiklu ta' Doha tal-WTO u l-Ftehimiet dwar il-Kummerċ Ħieles fl-2011 f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010. Għandha titħaffef il-ħidma, b'segwitu għar-rapport tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-prijoritajiet sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-kummerċ fil-pajjiżi terzi.

It-tisħiħ tal-governanza

9. Il-pakkett ta' sitt proposti leġislattivi dwar il-governanza ekonomika huwa essenzjali biex jiggarrantixxi aktar dixxiplina fiskali u biex jiġu evitati żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. Huwa jinkludi riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir immirata biex tissaħħaħ is-sorveljanza tal-linji politiċi fiskali u biex jiġu applikati miżuri ta' infurzar b'mod aktar konsistenti u fi stadju aktar bikri, dispożizzjonijiet ġodda dwar oqfsa fiskali nazzjonali u sorveljanza għda ta' żbilanċi makroekonomiċi.
10. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-approċċ ġenerali dwar il-proposti milħuq fil-Kunsill, li jiftaħ it-triq għal negozjati mal-Parlament Ewropew. Huwa talab sabiex il-ħidma tipproċedi bl-għan li l-proposti jiġu adottati f'Ġunju 2011.

Tingħata kwalità ġdida fil-koordinament tal-politika ekonomika: il-Patt Euro Plus

11. Il-Patt Euro Plus kif maqbul mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro flimkien mal-Bulgarija, id-Danimarka, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija (ara l-Anness I) ser ikompli jsaħħaħ il-pilastru ekonomiku tal-UEM u jikseb kwalità ġdida fil-koordinament tal-politika ekonomika, bl-għan li titjieb il-kompetittività u b'hekk jinkiseb livell ogħla ta' konverġenza bir-riżultat li l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna tissaħħaħ. Il-Patt jibqa' miftuħ għal Stati Membri oħrajn li jridu jingħaqdu. Il-Patt ser jirrispetta bis-sħiħ l-integrità tas-Suq Uniku.
12. L-Istati Membri li ffirmaw għall-Patt huma impenjati, fuq il-bażi tal-indikaturi u l-prinċipji li hemm fih, li jħabbru sett ta' azzjonijiet konkreti li għandhom jinkisbu fit-tnax-il xahar li ġejjin. Għadd ta' Stati Membri diġà ħabbru l-ewwel impenji. L-Istati Membri kollha parteċipanti ser jippreżentaw l-impenji tagħhom malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fil-ħin biex jiddaħħlu fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom li għandhom jiġu ppreżentati f'April u biex jiġu vvalutati fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

Ir-risanament tas-settur bankarju

13. L-Awtorità Bankarja Ewropea u l-awtoritajiet rilevanti qed iwettqu simulazzjonijiet ta' kriżi. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-proċess ta' reviżjoni bejn il-pari li għandu jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mas-superviżuri nazzjonali, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew sabiex tiżdied il-konsistenza u l-kwalità tar-riżultati. Ser jiġi żgurat livell għoli ta' divulgazzjoni bankarja, inkluż dwar holdings ta' dejn sovrani.

14. Qabel il-pubblikazzjoni tar-riżultati, l-Istati Membri ser iħejju strateġiji speċifiċi u ambizzjużi għar-ristrutturar tal-istituzzjonijiet vulnerabbli, inklużi soluzzjonijiet li jinvolvu s-settur privat (finanzjament dirett mis-suq jew bejgħ tal-assi) iżda wkoll qafas sod f'konformità mar-regoli dwar għajnuna mill-Istat għall-għoti ta' appoġġ mill-gvern f'każ ta' bżonn.
15. Kif maqbul mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2010, għandha tiġi mistħarrġa u żviluppata aktar l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji globali. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproduċi rapport dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju sa mhux aktar tard mill-ħarifa tal-2011.

It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' stabbiltà taż-żona tal-euro

16. Filwaqt li fakkar fl-importanza li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro, il-Kunsill Ewropew adotta d-deċiżjoni li temenda t-TFUE fir-rigward tal-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Huwa jappella biex il-proċeduri nazzjonali ta' approvazzjoni jiġu varati malajr kemm jista' jkun bil-ħsieb li dan jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.
17. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-11 ta' Marzu mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro u japprova l-karatteristiċi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) (ara l-Anness II). It-tħejjija tat-trattat dwar l-MES u l-emendi għall-ftehim dwar il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), biex tiġi żgurata l-kapaċità ta' self tagħha ta' EUR 440 biljun, ser jiġu ffinalizzati sabiex l-iffirmar taż-żewġ ftehimiet ikun jista' jsir fl-istess ħin qabel l-aħħar ta' Ġunju 2011.

II. IL-LIBJA / IL-VIĊINAT TAN-NOFSINHAR

18. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni fil-Libja u approva l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-21 ta' Marzu. Filwaqt li fakkar fid-Dikjarazzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu, il-Kunsill Ewropew esprima s-sodisfazzjon tiegħu wara l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1973 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li tesprimi l-prinċipju tar-responsabbiltà ta' protezzjoni, u ssottolinja d-determinazzjoni tiegħu li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tagħha. Huwa laqa' wkoll is-Summit ta' Pariġi tad-19 ta' Marzu bħala kontribut deċiżiv għall-implimentazzjoni tagħha. Huwa kkundanna l-ksur kontinwu tar-Riżoluzzjonijiet 1970 u 1973 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU mir-reġim Libjan, u r-repressjoni vjolenti u brutali li r-reġim qiegħed ikompli jimponi fuq iċ-ċittadini tiegħu stess. Huwa nnota li l-azzjonijiet li ttieħdu f'konformità mal-mandat mill-Kunsill tas-Sigurtà kkontribwixxew b'mod sinifikanti għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u ż-żoni ppopolati minnha li kienu taħt theddid ta' attakki u għenu biex isalvaw il-ħajjiet tal-popolazzjoni ċivili. Meta l-popolazzjonijiet ċivili jkunu siguri u mhux f'periklu mit-theddida ta' attakki, u l-oġettivi tal-UNSCR 1973 jkunu ntlaħqu, l-operazzjonijiet militari ser jintemmu.

Il-Kunsill Ewropew enfażizza r-rwol ewlieni tal-pajjiżi Għarab, u b'mod partikolari l-Lega Għarbija, fl-appoġġ attiv tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1973, u fis-sejbien ta' soluzzjoni politika għall-kriżi.

19. F'konformità mal-UNSCR 1973, l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Lega tal-Istati Għarab, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Unjoni Afrikana, ser tintensifika l-isforzi tagħha biex issib soluzzjoni għall-kriżi li twieġeb għat-talbiet leġittimi tal-poplu Libjan. Il-Kunsill Ewropew tenna l-appell tiegħu lill-Kurunell Qadhafi biex jirrinunzja għall-poter immedjatament sabiex il-Libja tkun tista' tagħti bidu rapidu għal transizzjoni ordnata u mmexxija mil-Libjani lejn id-demokrazija permezz ta' djalogu fuq bażi wiesgħa, filwaqt li jittieħed kont ukoll tal-ħtieġa li jiġu żgurati s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Libja. L-UE tinsab lesta li tgħin it-trawwim ta' dan id-djalogu, inkluż mal-Kunsill Nazzjonali ta' Transizzjoni, u li tgħin lil Libja għidida kemm ekonomikament kif ukoll fil-bini tal-istituzzjonijiet ġodda tagħha, f'kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti, il-Lega Għarbija, l-Unjoni Afrikana u oħrajn.

20. L-Unjoni Ewropea aġġixxiet fil-pront biex timplimenta s-sanzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet 1970 u 1973 tal-KSNU, inkluża n-nomina ta' persuni u entitajiet addizzjonali fil-lista awtonoma tal-UE ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tagħti bidu u tadotta aktar sanzjonijiet, inkluż miżuri biex jiġi żgurat li d-dħul miż-żejt u l-gass ma jasalx għand ir-reġim ta' Qadhafi. L-Istati Membri ser jieħdu proposti simili quddiem il-KSNU.
21. Is-sitwazzjoni umanitarja fil-Libja u fil-fruntieri tagħha tibqa' sors ta' tħassib serju. L-UE ser tkompli tipprovdi għajnuna umanitarja lil daww kollha milquta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji umanitarji u l-NGOs kollha involuti. L-UE intensifikat u ser tkompli bl-ippjanar tagħha dwar l-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja / protezzjoni ċivili, inkluż b'mezzi marittimi.
22. Il-Kunsill Ewropew innota b'sodisfazzjon it-tmexxija bla xkiel tar-referendum dwar l-emendi kostituzzjonali li sar fl-Eġittu fid-19 ta' Marzu bħala pass sinifikanti lejn sistema politika aktar demokratika u miftuħa.
23. Waqt li jinnota li s-sitwazzjoni f'kull pajjiż hija differenti, il-Kunsill Ewropew esprima t-tħassib kbir tiegħu dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrein, ikkundanna bil-qawwa ż-żieda tal-vjolenza u l-użu tal-forza kontra d-dimostranti, u ħeġġeġ lill-partijiet kollha kkonċernati biex jimpenjaw ruħhom fi djalogu sinifikattiv u kostruttiv mingħajr dewmien jew prekondizzjonijiet. Huwa approva l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-21 ta' Marzu.

24. Għandha titmexxa 'l quddiem b'mod rapidu l-ħidma għall-iżvilupp ta' sħubija ġdida fir-reġjun, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Marzu 2011. Din is-sħubija ser tkun ibbażata fuq integrazzjoni ekonomika aktar profonda, aċċess usa' għas-suq u kooperazzjoni politika aktar mill-qrib, u ser issegwi approċċ differenzjat u bbażat fuq il-prestazzjoni. Bħala l-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-pakkett tal-11 ta' Marzu, u abbażi tal-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, il-Kunsill Ewropew jappella għal progress rapidu li għandu jsir fuq il-linji li ġejjin:
- l-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-għajjnuna umanitarja tagħhom;
 - programmi ta' għajjnuna diġà eżistenti fil-pajjiżi tal-Mediterran tan-Nofsinhar ser jiġu analizzati u ffokati mill-ġdid, fejn possibbli bi djalogu mal-pajjiżi kkonċernati;
 - il-limitu massimu għall-operazzjonijiet tal-BEI għall-pajjiżi Mediterranji li qed iwettqu riforma politika għandu jiżdied b'EUR 1 biljun, mingħajr ma jitnaqqsu l-operazzjonijiet fil-pajjiżi ġirien tal-Lvant tal-UE;
 - l-azzjonisti tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà ta' estensjoni tal-attivitajiet tal-Bank għall-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar;
 - il-proposti dwar ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien u l-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta proposti dwar mezzi ulterjuri għat-tisħiħ tal-kummerċ u tal-investiment barrani dirett fir-reġjun fuq perijodu ta' żmien qasir, medju u dak fit-tul.
25. Il-Kunsill Ewropew jilqa' ż-żjara reċenti tal-Presidenza u l-Kummissjoni fl-Eġittu bħala parti mill-ewwel fażi ta' konsultazzjonijiet għall-promozzjoni ta' approċċ komprensiv għall-migrazzjoni bejn il-pajjiżi tar-reġjun tal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposti tagħha dwar l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni kif ukoll dwar is-Sħubija għall-Mobbiltà sew qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

26. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess ukoll il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' Pjan għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni u ta' refuġjati qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju. Għandu jintlaħaq qbil sa Ġunju 2011 dwar ir-Regolament li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Frontex. Sadanittant il-Kummissjoni ser tagħmel disponibbli riżorsi addizzjonali b'appoġġ għall-operazzjonijiet Hermes u Poseidon tal-2011 tal-aġenzija u l-Istati Membri huma mistiedna jipprovdu aktar riżorsi umani u tekniċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesti li juru s-solidarjetà konkreta tagħhom lill-Istati Membri li huma kkonċernati l-aktar direttament mill-movimenti migratorji u jipprovdu l-appoġġ meħtieġ hekk kif is-sitwazzjoni tevolvi.

III. IL-ĠAPPUN

27. L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa lill-Ġappun hekk kif huwa jfittex li jegħleb l-isfidi li qed jiffaċċja wara t-terremot u t-tsunami li laqtuh b'konsegwenzi daqshekk traġiċi.
28. Wara talba inizjali mill-gvern Ġappuniż, hija qed timmobilizza provvisti ta' sokkors għall-popolazzjoni milquta. Hija tinsab lesta biex tipprovi aktar appoġġ jekk ikun mitlub. B'mod aktar ġenerali, l-UE hija interessata li tiżviluppa l-kooperazzjoni tagħha mal-Ġappun dwar l-għajnuna f'każ ta' diżastru.
29. L-Unjoni Ewropea tfaħħar l-azzjoni deċiżiva u fil-pront meħuda mill-awtoritajiet Ġappuniżi b'reazzjoni għall-perturbazzjoni fis-swieq finanzjarji. Hija tilqa' l-azzjoni meħuda mill-G7 fir-rigward tal-yen. Hija tinsab lesta biex tikkoopera bis-siġh mal-Ġappun biex jaffronta l-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji ta' dawn l-avvenimenti, inkluż fil-qafas tal-G8 u l-G20.
30. B'ħarsa lejn il-ġejjieni, il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza strateġika tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Ġappun. Is-summit li ġej għandu jintuża biex isaħħaħ din ir-relazzjoni u jmexxi 'l quddiem l-aġenda komuni tagħna, inkluż permezz tat-tnedija potenzjali ta' negozjati għal ftehim dwar il-kummerċ ħieles fuq il-bażi li l-Ġappun huwa lest li jittratta, fost l-oħrajn, il-kwistjoni ta' ostakoli mhux tariffarji u restrizzjonijiet fuq l-akkwist pubbliku.

31. B'rabta ma' dan, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu l-lezzjonijiet kollha minn dawn l-avvenimenti, u li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-pubbliku. Filwaqt li jfakkar li t-taħlita enerġetika hija l-kompetenza tal-Istati Membri, huwa jappella biex il-ħidma fuq dawn l-aspetti lgejjin titmexxa 'l quddiem bħala kwistjoni ta' priorita':
- is-sikurezza tal-impjanti nukleari kollha tal-UE għandha tiġi riveduta, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva u trasparenti tar-riskju u s-sikurezza ("simulazzjonijiet ta' kriżi"); il-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG) u l-Kummissjoni huma mistiedna jiżviluppaw malajr kemm jista' jkun l-ambitu u l-modalitajiet ta' dawn is-simulazzjonijiet f'qafas ikkoordinat fid-dawl tal-lezzjonijiet meħuda mill-inċident fil-Ġappun u bl-involvement sħiħ tal-Istati Membri, filwaqt li jsir użu sħiħ tal-kompetenzi disponibbli (partikolarment mill-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent); il-valutazzjonijiet ser jitwettqu minn awtoritajiet nazzjonali indipendenti u permezz ta' reviżjoni bejn il-pari; l-eżitu tagħhom u kwalunkwe miżura sussegwenti meħtieġa li ser tittieħed għandhom jiġu kondiviżi mal-Kummissjoni u fl-ENSREG u għandhom isiru pubbliċi; il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta s-sejbiet inizjali sa tmiem l-2011, abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni;
 - ovvjament, il-priorita' li tiġi żgurata s-sikurezza tal-impjanti nukleari ma tistax tieqaf fil-fruntieri tagħna; l-UE ser titlob li "simulazzjonijiet ta' kriżi" simili jsiru fil-pajjiżi ġirien u madwar id-dinja, fir-rigward kemm tal-impjanti eżistenti kif ukoll ta' dawk ippjanati; f'dan ir-rigward għandu jsir użu sħiħ tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;
 - għandhom jiġu implimentati l-ogħla standards għas-sikurezza nukleari u dawn għandhom jiġu mtejba kontinwament fl-UE u promossi internazzjonalment;
 - il-Kummissjoni ser tirrevedi l-qafas regolatorju u legali eżistenti għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari u sa tmiem l-2011 ser tippromovi kwalunkwe titjib li jista' jkun meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari. Id-Direttiva proposta dwar il-ġestjoni tal-kombustibbli użat u tal-iskart radjuattiv għandha tkun adottata malajr kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrifletti dwar kif tippromwovi s-sikurezza nukleari fil-pajjiżi tal-viċinat;

- jeħtieġ li l-konsegwenzi għad-dinja u għall-UE jiġu segwiti mill-qrib, b'attenzjoni partikolari għall-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-prodotti bażiċi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-G20.
-

IL-PATT EURO PLUS
KOORDINAZZJONI AKTAR B'SAĦĦITHA TAL-POLITIKA EKONOMIKA
GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U L-KONVERĠENZA

Dan il-Patt ġie maqbul mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro flimkien mal-Bulgarija, id-Danimarka, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija sabiex jissaħħa l-pilastru ekonomiku tal-unjoni monetarja, tinkiseb kwalità ġdida tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, titjieb il-kompetittività, biex b'hekk jintlaħaq grad oġhla ta' konverġenza. Dan il-Patt jiffoka primarjament fuq oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza nazzjonali u li huma essenzjali għaż-żieda fil-kompetittività u biex jiġu evitati żbilanċi dannużi. Il-kompetittività hija essenzjali biex tgħin lill-UE tikber aktar malajr u b'mod aktar sostenibbli fuq perijodu medju u fit-tul, biex tipproduċi livelli oġhla ta' dħul għaċ-ċittadini, u biex tippreserva l-mudelli soċjali tagħna. Stati Membri oħrajn huma mistiedna jipparteċipaw fuq bażi volontarja.

Dan l-isforz imġedded għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politika ekonomika għall-kompetittività u l-konverġenza jistrieħ fuq **erba' regoli ta' gwida:**

- a. Huwa ser ***isaħħaħ u jkun konformi mal-governanza ekonomika eżistenti*** fl-UE, filwaqt li jipprovdi valur miżjud. Huwa ser ikun konsistenti ma' strumenti eżistenti u ser jibni fuqhom (Ewropa 2020, Semestru Ewropew, Linji Gwida Integrati, Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u qafas ġdid ta' sorveljanza makroekonomika). Huwa ser jinvolvi sforz speċjali li jmur lil hinn minn dak li diġà jeżisti u jinkludi impenji u azzjonijiet konkreti li huma aktar ambizzjużi minn dawk li diġà ġew maqbula, u akkumpanjati bi skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni. Dawn l-impenji ġodda ser jiġu sussegwentement inklużi fil-Programmi ta' Riforma u Stabbiltà Nazzjonali u jkunu soġġetti għall-qafas ta' sorveljanza regolari, bi rwol ċentrali qawwi għall-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-impenji, u l-involviment tal-formazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill u l-Grupp tal-Euro. Il-Parlament Ewropew ser jinvolvi ruħu bis-sħiħ f'konformità mal-kompetenzi tiegħu. L-imsieħba soċjali ser ikunu involuti bis-sħiħ fil-livell tal-UE permezz tas-Summit Soċjali Tripartitiku.
- b. Huwa ser ikun iffukat, orjentat lejn l-azzjoni u jkopri ***l-oqsma prijoritarji ta' politika li huma essenżjali għall-promozzjoni tal-kompetittività u l-konverġenza***. Huwa ser jikkonċentra fuq azzjonijiet fejn il-kompetenza taqa' taħt l-Istati Membri. ***Fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ser jiġu maqbulin objettivi komuni*** fl-oqsma ta' politika magħżulin. ***L-Istati Membri parteċipanti ser isegwu dawn l-objettivi fit-taħlita ta' politika tagħhom, b'kont meħud tal-isfidi speċifiċi tagħhom***.
- c. ***Kull sena, ser jittieħdu impenji nazzjonali konkreti minn kull Kap ta' Stat jew ta' Gvern***. Waqt li jagħmlu dan, l-Istati Membri ser jieħdu kont tal-aħjar prattiki u jfasslu punti ta' riferiment b'kont meħud tal-pajjiżi bl-aħjar prestazzjoni, fl-Ewropa u meta mqabbla ma' sħab strateġiċi oħrajn.
- L-implimentazzjoni ta' impenji u progress lejn l-objettivi ta' politika komuni ser jiġu ***mmonitorjati politikament mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern*** taż-żona tal-euro u l-pajjiżi parteċipanti fuq bażi annwali, abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jimpenjaw li jikkonsultaw lis-sħab tagħhom dwar kull riforma ekonomika ewlenija li jista' jkollha effetti mifruxin qabel l-adozzjoni tagħha.

- d. L-Istati Membri parteċipanti huma impenjati bis-sħiħ għat-tlestija tas-Suq Uniku li huwa essenzjali għat-tisħiħ tal-kompetittività fl-UE u ż-żona tal-euro. Dan il-proċess ser ikun f'konformità sħiħa mat-Trattat. ***Il-Patt ser jirrispetta bis-sħiħ l-integrità tas-Suq Uniku.***

L-għanijiet tagħna

L-Istati Membri parteċipanti jimpenjaw ruħhom li jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiksbu l-oġettivi li ġejjin:

- Il-promozzjoni tal-kompetittività
- Il-promozzjoni tal-impjiegi
- Jikkontribwixxu aktar għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi
- It-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja

Kull Stat Membru parteċipanti ser jippreżenta l-miżuri speċifiċi li ser jieħu sabiex jilħaq dawn l-għanijiet. Jekk Stat Membru jista' juri li mhix meħtieġa azzjoni fuq qasam wieħed jew ieħor, m'għandux jinkludih. L-għażla tal-azzjonijiet ta' politika speċifiċi meħtieġa biex jinkisbu l-oġettivi komuni ***tibqa' r-responsabbiltà ta' kull pajjiż, iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-sett ta' miżuri possibbli msemmija hawn taħt.***

Impenji ta' politika konkreti u monitoraġġ

Il-progress lejn l-oġettivi komuni ta' hawn fuq ser jiġu mmonitorjati politikament mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern abbażi ta' serje ta' indikaturi li jkopru l-kompetittività, l-impjiegi, is-sostenibbiltà fiskali u l-istabbiltà finanzjarja. Il-pajjiżi li qed jiffaċċjaw sfidi kbar f'xi wieħed minn dawn l-oqsma ser jiġu identifikati u ser ikollhom jimpenjaw ruħhom li jindirizzaw dawn l-isfidi f'perjodu ta' żmien speċifiku.

a. Il-promozzjoni tal-kompetittività

Il-progress ser jiġi vvalutat abbażi tal-iżviluppi fil-pagi u l-produttività u l-ħtiġijiet tal-aġġustament tal-kompetittività. Sabiex jiġi vvalutat jekk il-pagi humiex qed jevolvu f'konformità mal-produttività, il-kost ta' unità lavorativa (KUL) ser jiġi mmonitorjat matul perijodu ta' żmien, billi jsir tqabbil mal-iżvilupp f'pajjiżi oħrajn taż-żona tal-euro u fis-sħab kummerċjali komparabbli ewlenin. Għal kull pajjiż, il-KUL ser jiġi vvalutat għall-ekonomija kollha kemm hi u għal kull settur ewlieni (manifattura; servizzi; kif ukoll setturi kummerċjali u mhux kummerċjali). Żidiet kbar u sostnuti jistgħu jwasslu għall-erożjoni tal-kompetittività, speċjalment jekk titqies flimkien ma' defiċit li qed jikber tal-kont kurrenti u tnaqqis fl-ishma tas-suq għall-esportazzjonijiet. L-azzjoni biex tiżdied il-kompetittività hija meħtieġa fil-pajjiżi kollha, iżda ser tingħata attenzjoni partikolari lil dawk li qegħdin jiffaċċjaw sfidi ewlenin f'dan ir-rigward. Sabiex jiġi żgurat li t-tkabbir ikun ekwilibrat u mifruż fiż-żona kollha tal-euro, ser jiġu previsti strumenti speċifiċi u inizjattivi komuni biex tiġi promossa l-produttività fir-reġjuni li qed jaqgħu lura.

Kull pajjiż ser ikun responsabbli għall-azzjonijiet ta' politika speċifiċi li huwa jagħżel għall-promozzjoni tal-kompetittività iżda r-riformi li ġejjin ser jingħataw attenzjoni partikolari:

(i) fir-rispett tat-tradizzjonijiet nazzjonali tad-djalogu soċjali u r-relazzjonijiet industrijali, miżuri biex jiġi żgurat li l-ispejjeż jiżviluppaw f'konformità mal-produttività, bħal:

- reviżjoni tal-arranġamenti tal-iffissar tal-pagi, u, fejn meħtieġ, il-livell ta' ċentralizzazzjoni fil-proċess tan-negozjar, u l-mekkaniżmi ta' indiċjar, filwaqt li tinżamm l-awtonomija tal-imsieħba soċjali fil-proċess ta' negozjar kollettiv;
- jiġi żgurat li l-ftehimiet dwar il-pagi fis-settur pubbliku jappoġġaw l-isforzi ta' kompetittività fis-settur privat (b'kont meħud tal-effett importanti ta' sinjalazzjoni tal-pagi fis-settur pubbliku).

(ii) miżuri biex tizzied il-produttività, bħal:

- ftuħ ulterjuri ta' setturi protetti b'miżuri meħuda fil-livell nazzjonali biex jitneħħew restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq servizzi professjonali u s-settur tal-bejgħ bl-imnut, biex jitrawmu l-kompetizzjoni u l-effiċjenza, b'rispett sħiħ għall-*acquis* Komunitarju;
- sforzi speċifiċi biex jittejbu s-sistemi ta' edukazzjoni u jiġu promossi r-R&Ż, l-innovazzjoni u l-infrastruttura;
- miżuri biex jiġi promoss l-ambjent tan-negozju, partikolarment għall-SMEs, b'mod partikolari billi titneħħa l-burokrazija u jittejjeb il-qafas regolatorju (eż. liġijiet dwar il-fallimenti, kodiċi kummerċjali).

b. Il-promozzjoni tal-impjiegi

Suq tax-xogħol li jiffunzjona sew huwa essenzjali għall-kompetittività taż-żona tal-euro. Il-progress ser jiġi vvalutat abbażi tal-indikaturi li ġejjin: rati ta' qgħad fit-tul u fost iż-żgħażaġh, u rati ta' parteċipazzjoni fix-xogħol.

Kull pajjiż ser ikun responsabbli għall-azzjonijiet speċifiċi ta' politika li huwa jagħżel għall-promozzjoni tal-impjiegi, iżda r-riformi li ġejjin ser jingħataw attenzjoni partikolari:

- riformi fis-suq tax-xogħol għall-promozzjoni tal-"flessigurtà", għat-tnaqqis tax-xogħol mhux iddikjarat u għaż-żieda tal-parteċipazzjoni fix-xogħol;
- it-tagħlim tul il-ħajja;
- riformi fiskali, bħat-tnaqqis tat-taxxi fuq ix-xogħol sabiex ix-xogħol ikun finanzjarjament attraenti filwaqt li jiġi ppreservat id-dħul fiskali ġenerali, u t-teħid ta' miżuri li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' daww li huma t-tieni sors ta' dħul fid-dinja tax-xogħol.

c. *It-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi*

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, ser tingħata l-akbar attenzjoni lil:

▪ Is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-benefiċċji soċjali

Dan ser jiġi vvalutat partikolarment abbażi tal-indikaturi tad-differenza fis-sostenibbiltà¹. Dawn l-indikaturi jqisu jekk il-livelli tad-dejn humiex sostenibbli abbażi ta' linji ta' politika attwali, b'mod partikolari skemi ta' pensjonijiet, kura tas-saħħa u sistemi ta' benefiċċji, u b'kont meħud ta' fatturi demografiċi.

Ir-riformi meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji soċjali jistgħu jinkludu:

- l-allinjament tas-sistema tal-pensjonijiet mas-sitwazzjoni demografika nazzjonali, pereżempju permezz tal-allinjament tal-età effettiva tal-irtirar mal-aspettattiva tal-għomor jew permezz taż-żieda fir-rati ta' parteċipazzjoni;
- il-limitazzjoni tal-iskemi ta' rtirar kmieni u l-użu ta' inċentivi mmirati biex jiġu impjegati ħaddiema akbar fl-età (b'mod partikolari fil-grupp tal-età ta' aktar minn 55).

¹ Id-differenzi fis-sostenibbiltà huma indikaturi maqbula mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà fiskali.

▪ Ir-regoli fiskali nazzjonali

L-Istati Membri parteċipanti jimpenjaw ruħhom li jitraddu r-regoli fiskali tal-UE kif stabbiliti fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-leġislazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri ser iżommu l-għażla tal-istrument legali nazzjonali speċifiku li għandu jintuża, iżda ser jiżguraw li jkollu natura vinkolanti u durabbli qawwija biżżejjed (eż. kostituzzjoni jew liġi qafas). Il-formulazzjoni eżatta tar-regola ser ukoll tiġi deċiża minn kull pajjiż (eż. tista' tiegħu l-forma ta' "debt brake", regola relatata mal-bilanċ primarju jew regola ta' nfiq), iżda għandha tiżgura dixxiplina fiskali fil-livelli kemm nazzjonali kif ukoll subnazzjonali. Il-Kummissjoni ser ikollha l-opportunità, b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-parlamenti nazzjonali, li tiġi kkonsultata dwar ir-regola fiskali preċiża qabel l-adozzjoni tagħha sabiex tiżgura li hija tkun kompatibbli mar-regoli tal-UE u li tkun tappoġġahom.

d. *It-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja*

Settur finanzjarju sod huwa essenzjali għall-istabbiltà ġenerali taż-żona tal-euro. Tnediet riforma komprensiva tal-qafas tal-UE għas-superviżjoni u r-regolazzjoni tas-settur finanzjarju.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jistabbilixxu leġislazzjoni nazzjonali għar-riżoluzzjoni bankarja, b'rispett sħiħ tal-*acquis* Komunitarju. Ser isiru, fuq bażi regolari, simulazzjonijiet ta' kriżi stretti fuq il-banek, ikkoordinati fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, il-President tal-BERS u l-President tal-Grupp tal-Euro ser ikunu mistiedna biex jinfurmaw regolarment lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern dwar kwistjonijiet relatati mal-istabbiltà makrofinanzjarja u l-iżviluppi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro li jirrikjedu azzjoni speċifika. B'mod partikolari, għal kull Stat Membru, il-livell ta' dejn privat għall-banek, l-unitajiet domestiċi u l-kumpanniji mhux finanzjarji ser ikun monitorjat mill-qrib.

Minbarra l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, ser tingħata attenzjoni għall-**koordinazzjoni tal-politika fiskali**.

It-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali. Il-koordinazzjoni prammatika tal-linji ta' politika fiskali hija element neċessarju ta' koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro sabiex jiġu appoġġati l-konsolidazzjoni fiskali u t-tkabbir ekonomiku. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jidħlu f'diskussjonijiet strutturati dwar kwistjonijiet ta' politika fiskali, b'mod partikolari biex jiżguraw l-iskambju tal-aħjar prattiki, l-evitar ta' prattiki dannużi u proposti għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa.

L-iżvilupp ta' taxxa komuni tal-kumpanniji jista' jkun triq 'il quddiem mingħajr inċidenza fuq id-dħul biex tiġi żgurata konsistenza fost is-sistemi fiskali nazzjonali filwaqt li jiġu rrispettati strateġiji fiskali nazzjonali, u jingħata kontribut għas-sostenibbiltà fiskali u l-kompetittività tan-negozji Ewropej.

Il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġislattiva dwar bażi komuni konsolidata għat-taxxa tal-kumpanniji.

Impenji annwali konkreti

Sabiex nuru impenn reali għall-bidla u niżguraw l-impetu politiku meħtieġ biex nilħqu l-oġettivi komuni tagħna, kull sena l-Istati Membri parteċipanti ser jaqblu fl-ogħla livell dwar sett ta' azzjonijiet konkreti li għandhom jinkisbu fi żmien 12-il xahar. L-għażla tal-miżuri ta' politika speċifiċi li għandhom ikunu implimentati ser tibqa' r-responsabbiltà ta' kull pajjiż, iżda l-għażla ser tkun iggwidata mill-konsiderazzjoni b'mod partikolari tal-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq. Dawn l-impenji ser ikunu riflessi wkoll fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u fil-Programmi ta' Stabbiltà ppreżentati kull sena li ser ikunu vvalutati mill-Kummissjoni, il-Kunsill, u l-Grupp tal-Euro fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Dokument dwar il-Kondizzjonijiet (Term Sheet) tal-MES

Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jżid il-paragrafu li ġej mal-Artikolu 136 tat-Trattat:

"L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li għandu jiġi attivat jekk ikun indispensabbli biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha kemm hi. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu ser ikun soġġett għal kondizzjonalità stretta".

B'segwitu għal din id-deċiżjoni, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà permanenti: il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Il-MES ser jiġi attivat bi qbil reċiproku¹, jekk ikun indispensabbli li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Il-MES ser jassumi r-rwol tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) fil-forniment ta' assistenza finanzjarja esterna lill-Istati Membri taż-żona tal-euro wara Ġunju 2013.

L-aċċess għall-assistenza finanzjarja tal-MES ser jingħata abbażi ta' kondizzjonalità stretta ta' politika taħt programm ta' aġġustament makroekonomiku u analiżi rigoruża tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku, li ser jitmexxew mill-Kummissjoni flimkien mal-FMI u b'kollaborazzjoni mal-BĊE. L-Istat Membru beneficijarju ser ikun meħtieġ li jistabbilixxi forma adatta ta' involviment tas-settur privat, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi u b'mod li jkun konsistenti għalkollox mal-prattiki tal-FMI.

Il-MES ser ikollu kapaċità effettiva ta' self ta' EUR 500 biljun². L-adekwatezza tal-kapaċità ta' self ser tiġi eżaminata fuq bażi regolari u tal-inqas darba kull tliet snin. Il-MES ser ifittex li jissupplimenta il-kapaċità ta' self tiegħu permezz tal-parteeċipazzjoni tal-FMI f'operazzjonijiet ta' assistenza finanzjarja, filwaqt li l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jipparteċipaw ukoll fuq bażi ad hoc.

¹ Deċiżjoni meħuda bi qbil reċiproku hija deċiżjoni meħuda bl-unanimità tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-votazzjoni, jiġifieri astensjonijiet ma jostakolawx id-deċiżjoni milli tiġi adottata.

² Matul it-transizzjoni mill-EFSF għall-MES, il-kombinazzjoni tal-kapaċità ta' self mhix ser taqbeż dan l-ammont.

Il-kumplament ta' dan id-dokument dwar il-kondizzjonijiet jistabbilixxi il-karatteristiċi strutturali fundamentali tal-MES:

Forma istituzzjonali

Il-MES ser jiġi stabbilit permezz ta' trattat bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro bħala organizzazzjoni intergovernattiva skont id-dritt internazzjonali pubbliku u ser ikun sitwat fil-Lussemburgu. L-istatut tal-MES ser jiġi stabbilit f'anness għat-trattat.

Funzjoni u strateġija ta' finanzjament

Il-funzjoni tal-MES ser tkun il-mobilizzazzjoni ta' finanzjament u l-ġħoti ta' assistenza finanzjarja, taħt kondizzjonalità stretta, għall-benefiċċju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, li qed iġarrbu jew huma mhedda minn problemi severi ta' finanzjament, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha hemm hi.

L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jagħtu lill-MES is-sanzjonijiet finanzjarji riċevuti taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-proċeduri tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi. Tali sanzjonijiet ser jiffurmaw parti mill-kapital imħallas.

Il-MES ser juża strateġija adatta ta' finanzjament sabiex jiżgura l-aċċess għal sorsi ta' finanzjament ġenerali u sabiex ikun jista' jestendi l-pakketti ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taħt il-kondizzjonijiet kollha tas-suq. Kwalunkwe riskju assoċjat ser jittrażżan permezz ta' ġestjoni adegwata tal-attiv u l-passiv.

Governanza

Il-MES ser ikollu Bord tal-Gvernaturi magħmul mill-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro (bħala membri li għandhom vot), bil-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij u l-President tal-BĊE bħala osservaturi. Il-Bord tal-Gvernaturi ser jeleġġi President minn fost il-membri tiegħu li għandhom vot.

Il-Bord tal-Gvernaturi ser ikun l-ogħla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-MES u ser jieħu d-deċiżjonijiet prinċipali segwenti bi qbil reċiproku:

- l-għoti ta' assistenza finanzjarja;
- it-termini u l-kondizzjonijiet tal-assistenza finanzjarja;
- il-kapaċità ta' self tal-MES;
- bidliet għal-lista ta' strumenti.

Id-deċiżjonijiet l-oħra kollha mill-Bord tal-Gvernaturi ser jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata, kemm-il darba ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Il-MES ser ikollu Bord tad-Diretturi, li ser iwettaq kompiti speċifiċi kif iddelegati mill-Bord tal-Gvernaturi. Kull Stat Membru taż-żona tal-euro ser jaħtar Direttur wieħed u Direttur supplenti wieħed. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-BĊE ser jinnominaw osservatur u supplenti kull wieħed għall-Bord tad-Diretturi. Id-deċiżjonijiet kollha mill-Bord tad-Diretturi ser jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata, kemm-il darba ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Il-piżijiet tal-voti fil-Bord tal-Gvernaturi u l-Bord tad-Diretturi ser ikun f'proporzjon mas-sottoskrizzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri għall-kapital tal-MES. Maġġoranza kwalifikata hi definita bħala 80 fil-mija tal-voti.

Il-Bord tal-Gvernaturi ser jaħtar Direttur Maniġerjali li jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-MES. Id-Direttur Maniġerjali ser jippresjedi fuq il-Bord tad-Diretturi.

Struttura tal-kapital

Il-MES ser jimmira li jikseb u jżomm l-ogħla livell ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mill-aġenziji prinċipali ta' klassifikazzjoni tal-kreditu.

Il-MES ser ikollu kapital sottoskritt totali ta' EUR 700 biljun. Minn dan l-ammont, EUR 80 biljun ser ikunu fil-forma ta' kapital imħallas ipprovdut b'mod gradwali mill-Istati Membri taż-żona tal-euro minn Lulju 2013 f'ħames pagamenti annwali indaqs. Barra minn hekk, il-MES ser jiddisponi wkoll minn kombinazzjoni ta' kapital eżerċitabbli impenjat u garanziji mill-Istati Membri taż-żona tal-euro għal ammont totali ta' EUR 620 biljun. Matul il-fażi ta' transizzjoni mill-2013 sal-2017, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom sabiex jaċċelleraw, fil-każ improbabbli li dan ikun meħtieġ, il-provvediment ta' strumenti adatti sabiex jinżamm proporzjon minimu ta' 15 fil-mija bejn il-kapital imħallas u l-ammont pendenti tal-ħruġ tal-MES.

Il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru fil-kapital totali sottoskritt tal-MES ser ikun ibbażat fuq il-koeffiċjent ta' kapital imħallas tal-BĊE kif anness. Bir-ratifika tat-Trattat li jistabbilixxi l-MES, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom legalment li jipprovdu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-kapital totali sottoskritt.

Meta jadatta l-ammont tal-kapital totali sottoskritt jew meta jitlob lura l-kapital, il-Bord tal-Gvernaturi ser jiddeċiedi bi qbil reċiproku, ħlief fil-każijiet speċifiċi deskritti hawn taħt. L-ewwel, il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi, b'maġġoranza sempliċi, li jerġa' jikseb -billi jitlob lura l-kapital- il-livell ta' kapital imħallas f'każ li l-ammont ta' kapital imħallas jitnaqqas minħabba l-assorbiment tat-telf³. It-tieni, ser tiġi attivata proċedura ta' garanzija fuq talba li tippermetti li l-kapital jintalab lura b'mod awtomatiku mill-azzjonisti tal-MES jekk ikun meħtieġ sabiex jiġi evitat nuqqas fil-pagament lill-kredituri tal-MES. Fiċ-ċirkostanzi kollha, ir-responsabbiltà ta' kull azzjonist ser tkun limitata għas-sehem tiegħu fil-kapital sottoskritt.

Kwalunkwe kontribuzzjoni għall-kapital sottoskritt minn Stat Membru⁴ li jingħaqad mal-MES wara Lulju 2013 ser issir skont l-istess termini applikati għall-kontribuzzjonijiet oriġinali. L-implikazzjonijiet prattiċi għall-ammont kollu ta' kapital sottoskritt u d-distribuzzjoni ta' kapital fost l-Istati Membri ser ikunu deċiżi mill-Bord tal-Gvernaturi bi qbil reċiproku.

³ Il-vot tal-Istat Membru li minħabba l-inadempjenza tiegħu jsir it-telf li jrid jiġi kopert hu sospiż għal din id-deċiżjoni.

⁴ Bħala konsegwenza li jingħaqad maż-żona tal-euro, Stat Membru għandu jsir membru tal-MES bid-drittijiet u l-obbligi kollha.

Sakemm il-MES ma jkunx ġie attivat u dment li l-kapaċità effettiva ta' self ma tkunx inqas minn EUR 500 biljun, ir-rikavati mill-investiment tal-kapital imħallas tal-MES jingħataw lura lill-Istati Membri, wara tnaqqis għall-ispejjeż operattivi. Wara l-ewwel attivazzjoni tal-MES, ir-rikavati mill-investiment tal-kapital tal-MES u l-attività ta' assistenza finanzjarja ser jinżammu fil-MES. Madankollu, f'każ li l-kapital imħallas, jeċċedi l-livell meħtieġ biex tinżamm il-kapaċità ta' self tal-MES, il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi b'maġġoranza sempliċi li jqassam dividend lill-Istati Membri taż-żona tal-euro bbażat fuq il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni.

Strumenti

Jekk ikun indispensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha kemm hi, f'konformità mal-emenda għall-Artikolu 136 tat-Trattat, il-MES ser jipprovdi assistenza finanzjarja soġġetta għal kondizzjonalità stretta skont programm ta' aġġustament makroekonomiku, proporzjonat għas-severità tal-iżbilanċi tal-Istat Membru. Din ser tkun ipprovduta permezz ta' self. Madankollu, hu jista' jintervjeni, bħala eċċezzjoni, fi swieq primarji ta' dejn fuq il-bażi ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku b'kondizzjonalità stretta u jekk maqbul mill-Bord tal-Gvernaturi, bi qbil reċiproku.

- Sostenn mill-MES għall-istabbiltà (ESS)

Il-MES jista' jagħti sostenn għall-istabbiltà fil-perijodu qasir jew medju lil Stat Membru taż-żona tal-euro, li jkun għaddej minn problemi severi ta' finanzjament. L-aċċess għall-ESS jimplika programm ta' aġġustament makroekonomiku b'kondizzjonalità ta' politika adegwata proporzjonata mas-severità tal-iżbilanċi sottostanti fl-Istat Membru benefiċjarju. It-tul tal-programm u l-maturità tas-self ser jiddependu fuq in-natura tal-iżbilanċi u l-prospetti tal-Istati Membri benefiċjarji li jergġu jiksbu aċċess għas-swieq finanzjarji fiż-żmien li fih ir-riżorsi tal-MES ikunu disponibbli.

- Faċilità ta' sostenn għas-suq primarju

Il-MES jista' jixtri l-bonds ta' Stat Membru, li jkun għaddej minn problemi severi ta' finanzjament, fis-suq primarju, bit-tir li tkun massimizzata l-kost effiċjenza tas-sostenn. Il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li bihom jitmexxa x-xiri ta' bonds ser jiġu speċifikati fid-Deċiżjoni dwar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-assistenza finanzjarja.

Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jirrevedi l-istrumenti għad-dispożizzjoni tal-MES u jista' jiddeċiedi li jdaħħal bidliet fil-lista tal-istrumenti.

L-involviment tal-FMI

Il-MES ser jikkoopera mill-qrib ħafna mal-FMI fil-provvediment ta' assistenza finanzjarja⁵. Fiċ-ċirkostanzi kollha, ser tintalab il-partekippazzjoni attiva tal-FMI, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak finanzjarju. L-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ser titmexxa konġuntement mill-Kummissjoni u l-FMI, f'kollaborazzjoni mal-BĊE. Il-kondizzjonijiet tal-politika marbuta ma' assistenza konġunta tal-MES u l-FMI ser jiġu nnegożjati konġuntement mill-Kummissjoni u l-FMI, f'kollaborazzjoni mal-BĊE.

⁵ Madankollu hu mifhum li kwalunkwe involviment tal-FMI ser ikun konsistenti mal-mandat tiegħu skont l-Artikoli ta' Ftehim u d-deċiżjoni u l-linji ta' politika applikabbli tal-Bord tal-FMI.

Attivazzjoni tal-assistenza finanzjarja, monitoraġġ u segwitu tal-programm

Fil-każijiet kollha, l-assistenza finanzjarja mill-MES ser tkun attivata fuq talba minn Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro. Il-Grupp tal-euro ser jinforma lill-Kunsill li tkun saret talba għall-attivazzjoni tas-sostenn. Malli jirċievi talba bħal din, il-Bord tal-Gvernaturi jitlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta, f'kollaborazzjoni mal-BĊE, l-eżistenza ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi u biex twettaq analiżi rigoruża tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE. Il-passi sussegwenti fl-attivazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-MES ser ikunu kif ġej:

- Jekk jintalab ESS, il-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE, ser tivvaluta l-ħtiġijiet attwali ta' finanzjament tal-Istat Membru benefiċjarju u n-natura tal-involvement meħtieġ mis-settur privat, li għandhom ikunu konsistenti mal-prattiki tal-FMI.
- Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Bord tal-Gvernaturi ser jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tinneogzja, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE, programm ta' aġġustament makroekonomiku mal-Istat Membru kkonċernat, dettaljat f'Memorandum ta' Qbil (MtQ).
- Il-Kummissjoni ser tipproponi lill-Kunsill deċiżjoni li tapprova l-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Il-Bord tal-Gvernaturi ser jiddeċiedi dwar l-għoti tal-assistenza finanzjarja u t-termini u l-kondizzjonijiet li taħthom tiġi pprovduta l-assistenza. Meta l-programm ikun ġie adottat mill-Kunsill, il-Kummissjoni ser tiffirma l-MtQ fisem l-Istati Membri taż-żona tal-euro soġġett għall-qbil reċiproku minn qabel mill-Bord tal-Gvernaturi. Il-Bord tad-Diretturi mbagħad ser japprova l-ftehim ta' assistenza finanzjarja li jkun fih l-aspetti tekniċi tal-assistenza finanzjarja li għandha tingħata.
- Il-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE, ser tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mal-kondizzjonalità ta' politika meħtieġa minn programm ta' aġġustament makroekonomiku. Hi ser tirrapporta lill-Kunsill u lill-Bord tad-Diretturi. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Bord tad-Diretturi ser jiddeċiedi bi qbil reċiproku dwar il-ħlas tal-porzjonijiet ġodda tas-self.

- Wara diskussjoni fil-Bord tal-Gvernaturi, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jimplimenta s-sorveljanza ta' wara l-programm, li tista' tinżamm sakemm ma jkunx tħallas lura ammont speċifiku tal-assistenza finanzjarja.

Konsistenza mal-qafas ta' sorveljanza multilaterali tal-UE

Ser tintalab l-approvazzjoni mill-Istati Membri tal-UE biex jippermettu lill-Istati Membri taż-żona tal-euro sabiex jinkarigaw lill-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE, bl-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-Istat Membru li qed jitlob sostenn finanzjarju, it-tħejjija tal-programm ta' aġġustament li jakkumpanja l-assistenza finanzjarja, kif ukoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu.

Waqf li l-Bord tal-Gvernaturi għandu l-awtonomija li jiddeċiedi dwar l-eżistenza u l-modalitajiet tal-assistenza finanzjarja taħt qafas intergovernattiv, il-kondizzjonalità tal-politika stabbilita taħt sorveljanza msaħħa jew programm ta' aġġustament makroekonomiku għandha tkun konsistenti mal-qafas ta' sorveljanza tal-UE u għandha tiggarrantixxi r-rispett tal-proċeduri tal-UE. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tipproponi Regolament li jiċċara l-passi proċedurali meħtieġa taħt l-Artikolu 136 tat-Trattat sabiex il-kondizzjonalità tal-politika tkun integrata fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill u tkun żgurata l-konsistenza mal-qafas ta' sorveljanza multilaterali tal-UE. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jgħarrfu lill-Parlament Ewropew fuq bażi regolari dwar l-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal-MES.

Determinazzjoni tal-prezzijiet

Il-Bord tal-Gvernaturi ser jiddeċiedi dwar l-istruttura tad-determinazzjoni tal-prezzijiet għall-assistenza finanzjarja lil Stat Membru benefiċjarju.

Il-MES ser ikun jista' jislef b'rata fissa jew varjabbli. Id-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-MES ser tkun konformi mal-prinċipji tal-FMI dwar id-determinazzjoni tal-prezzijiet u, filwaqt li żżomm 'il fuq mill-ispejjeż ta' finanzjament tal-MES, ser tinkludi żieda adegwata għar-riskji.

Għas-self tal-MES ser tapplika l-istruttura li ġejja ta' determinazzjoni tal-prezzijiet:

- 1) Spejjeż ta' finanzjament tal-MES
- 2) Ħlas ta' 200 bps applikat fuq is-self kollu kemm hu
- 3) Ħlas addizzjonali ta' 100 bps għal ammonti ta' self li jkunu pendent wara 3 snin

Għal self b'rata fissa b'maturità ta' aktar minn 3 snin, il-marġni ser tkun medja ppeżata tal-ħlas ta' 200 bps għall-ewwel 3 snin u 200 bps miżjuda b'100 bps għas-snin ta' wara.

L-istruttura tad-determinazzjoni tal-prezzijiet ser tkun iddefinita fil-politika tal-MES dwar id-determinazzjoni tal-prezzijiet, li ser tiġi riveduta perjodikament.

Involviment tas-settur privat

1. Modalitajiet għall-involviment tas-settur privat

Ser tkun mistennija forma adegwata u proporzjonata ta' parteċipazzjoni tas-settur privat skont il-każ meta l-Istat benefiċjarju jirċievi assistenza finanzjarja. In-natura u l-iskala ta' din il-partiċipazzjoni ser jiġu ddeterminati skont il-każ u ser jiddependu mir-riżultat ta' analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn, f'konformità mal-prattika tal-FMI⁶, u mill-implikazzjonijiet potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro.

⁶ Konformement mal-FMI, id-dejn jitqies sostenibbli meta min jissellef ikun mistenni li jista' jkompli jħallas id-djun tiegħu mingħajr korrezzjoni għad-dħul u l-infiq tiegħu li ma tkunx realistika. Din il-valutazzjoni tiddetermina d-disponibbiltà u l-iskala adatta tal-finanzjament.

(a) Jekk, fuq il-bażi ta' analiżi tas-sostenibbiltà, jiġi konkluż li programm ta' aġġustament makroekonomiku jista' b'mod realistiku jerġa' jgħib id-dejn pubbliku fi triq sostenibbli, l-Istat Membru benefiċjarju jieħu inizjattivi mmirati biex iħeġġu lill-investituri privati ewlenin jibqgħu jżommu l-espożizzjonijiet tagħhom għar-riskju (eż. approċċ tal-"Inizjattiva ta' Vjenna"). Il-Kummissjoni, l-FMI, il-BĊE u l-ABE ser ikunu involuti mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi bħal dawn.

(b) Jekk, fuq il-bażi ta' analiżi tas-sostenibbiltà, jiġi konkluż li programm makroekonomiku ma jistax b'mod realistiku jerġa' jgħib id-dejn pubbliku fi triq sostenibbli, l-Istat Membru benefiċjarju jkun meħtieġ jidħol f'negozjati attivi in bona fede mal-kredituri tiegħu sabiex jikseb l-involvement dirett tagħhom biex id-dejn jerġa' jsir sostenibbli. L-għoti ta' assistenza finanzjarja ser ikun kontinġenti fuq il-fatt li l-Istat Membru jkollu pjan kredibbli u li juri impenn suffiċjenti li jiżgura involvement adegwat u proporzjonat tas-settur privat. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ser ikun taħt monitoraġġ fl-ambitu tal-programm u ser jitqies fid-deċiżjoni dwar ħlasijiet.

Fin-negozjar mal-kredituri, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jimxi mal-prinċipji li ġejjin:

- *Proporzjonalità:* l-Istat Membru jfittex soluzzjonijiet proporzjonati għall-problema tas-sostenibbiltà tad-dejn tiegħu.
- *Trasparenza:* l-Istat Membru kkonċernat jidħol fi djalogu miftuħ mal-kredituri u jaqsam magħhom informazzjoni rilevanti f'waqtha.
- *Sens tal-ġustizzja:* l-Istat Membru jikkonsulta mal-kredituri dwar it-tfassil ta' kwalunkwe bidla fl-iskeda jew ristrutturar tad-dejn pubbliku bl-għan li jinkisbu soluzzjonijiet negozjati. Miżuri li jnaqqsu l-valur attwali nett tad-dejn jiġu kkunsidrati biss meta l-għażliet l-oħra x'aktarx li ma jwasslux għar-riżultati mistennija.

- *Koordinazzjoni transkonfinali*: fit-tfassil ta' miżuri li jinvolvu lis-settur privat jittieħed kont dovut tar-riskju ta' kontaġġ u effetti mifruxa potenzjali fuq Stati Membri oħra u pajjiżi terzi. Il-miżuri meħuda jkunu akkumpanjati b'komunikazzjoni adatta mill-Istat Membru kkonċernat bl-għan li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

2. Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva

It-titoli ta' sigurtà tal-gvern għodda kollha fiż-żona tal-euro, li jimmuturaw wara iktar minn sena, minn Lulju 2013 ser jinkludu Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva (CACs). L-oġġettiv ta' CACs bħal dawn ser ikun li jiġi ffaċilitat il-qbil bejn is-sovran u l-kredituri tiegħu tas-settur privat fil-kuntest tal-involviment tas-settur privat. L-inklużjoni ta' CACs f'bond mhux ser tkun timplika probabbiltà aktar għolja ta' inadempjenza jew ta' ristrutturar tad-dejn marbut ma' dak il-bond. Għaldaqstant, l-istatus ta' kreditur tad-dejn sovrani mhux ser ikun affettwat bl-inklużjoni tal-CACs.

L-elementi prinċipali tal-CACs ser ikunu konsistenti ma' dawk użati normalment fis-swieq tal-Istati Uniti u r-Renju Unit minn wara r-rapport tal-G10 dwar il-CACs. Il-CACs ser jiddaħħlu b'mod li jżomm kondizzjonijiet ekwivalenti fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro. Dan jimplika l-użu ta' **klawsoli identiċi u standardizzati** għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, armonizzati fit-termini u l-kondizzjonijiet tat-titoli ta' sigurtà maħruġa mill-Istati Membri. Il-bażi tagħhom ser tkun **konsistenti mal-CACs li huma komuni fil-liġi ta' New York u dik Ingliża**.

Il-CACs ser ikunu jinkludu **klawsola ta' aggregazzjoni**, li tippermetti lil supermagġoranza ta' detenturi ta' bonds fuq haġġiet multipli ta' bonds soġġetti għal dik il-klawsola u soġġetti għal-liġi ta' ġurisdizzjoni waħda li jinkludu klawsola ta' azzjoni ta' maġġoranza fejn il-maġġoranza ta' kredituri meħtieġa għar-ristrutturar ma tinkisibx fi ħdan ħaġġa unika ta' bonds. Ser tiddaħħal fis-seħħ **rappreżentanza adatta**. L-aktar kwistjonijiet importanti – dawk ta' riżerva – (eż. termini prinċipali tal-ħlas, konverżjoni jew skambju ta' bonds) ser jiġu deċiżi b'**maġġoranza** akbar milli kwistjonijiet mhux ta' riżerva. Ser japplikaw rekwiżiti adatti dwar **kworum**. Il-bidliet miftiehma mill-maġġoranzi rilevanti jorbtu lid-detenturi kollha tal-bonds.

Biex jiġi żgurat proċess korrett ta' votazzjoni ser tiġi applikata klawsola adatta ta' **tneħħija tad-dritt** għal vot. Ser jiġu kkunsidrati klawsoli adatti li jimpedixxu tfixkil permezz ta' azzjonijiet legali.

Il-CACs ser jiddaħħlu b'mod standardizzat, li jiżgura li l-impatt legali tagħhom ikun identiku fil-ġurisdizzjonijiet kollha taż-żona tal-euro u b'hekk jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jadottaw il-miżuri meħtieġa biex il-CACs isiru effettivi.

Wara Ġunju 2013 l-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jitħallew ikompli "jirrifinanzjaw" dejn pendent mingħajr CACs taħt kondizzjonijiet predeterminati sabiex jibqgħu jżommu l-likwidità meħtieġa tal-bonds l-antiki u jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biex b'mod ordnat joħorġu bonds ġodda fuq il-benchmark maturities kollha. L-arranġamenti legali ddettaljati għall-inklużjoni tal-CACs fit-titoli ta' sigurtà pubbliċi fiż-żona tal-euro ser jiġu deċiżi fuq il-bażi ta' ħidma li għandha titwettaq mis-Sottokomitati tal-KEF dwar Swieq ta' Dejn Sovran tal-UE, wara konsultazzjoni xierqa mal-parteċipanti fis-suq u partijiet oħra interessati, u jistgħu jiġu ffinalizzati sa tmiem l-2011.

3. Status ta' Kreditur Preferut tal-MES

Bħall-FMI, il-MES ser jipprovdi assistenza finanzjarja lil Stat Membru meta ma jkollux aċċess regolari għal finanzjament tas-suq. B'riflessjoni ta' dan, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddikjaraw li l-MES ser igawdi minn status ta' kreditur preferut b'mod simili bħall-FMI, waqt li jaċċettaw status ta' kreditur preferut tal-FMI fil-konfront tal-MES.

Dan għandu jkun effettiv mill-1 ta' Lulju 2013 mingħajr preġudizzju għat-termini u l-kondizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim ieħor previst taħt l-EFSF u l-faċilità tal-Greċja.

Arranġamenti transitorji bejn l-EFSF u l-MES

Kif kien previst fil-bidu, wara Ġunju 2013 l-EFSF ser tibqa' fis-seħħ biex tamministra l-bonds pendenti. Hija ser tibqa' operattiva sakemm tkun irċeviet il-ħlas kollu tal-finanzjament mogħti lill-Istati Membri u tkun ħallset lura l-ammonti passivi tagħha taħt l-istrumenti finanzjarji maħruġa, u kwalunkwe obbligu ta' rimborż lil garanti. Partijiet mhux imħallsa u mhux iffinanzjati ta' faċilitajiet eżistenti ta' self għandhom jiġu ttrasferiti lill-MES (eż. ħlas u finanzjament ta' pagamenti parzjali li jsiru dovuti biss wara d-dħul fis-seħħ tal-MES). Is-self konsolidat tal-EFSF u l-MES ma għandux ikun aktar minn EUR 500 biljun.

Biex jiżgura transizzjoni faċli mill-EFSF għall-MES, is-CEO tal-EFSF ser ikun inkarigat mit-thejjja prattika tal-istabbiliment tal-MES. Huwa ser jirrapporta regolarment dwar il-progress magħmul lill-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-euro.

Parteċipazzjoni tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro

L-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jipparteċipaw parallelament mal-MES fuq bażi *ad hoc* f'operazzjonijiet ta' assistenza finanzjarja għall-Istati Membri taż-żona tal-euro. Jekk f'dawn l-operazzjonijiet jieħdu sehem Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro, dawn ikunu rappreżentati fil-laqgħat rilevanti tal-bordijiet tal-MES li jiddeċiedu dwar l-għoti u l-monitoraġġ tal-assistenza. Huma jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni kollha rilevanti u jiġu kkonsultati kif suppost. L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jappoġġaw l-istatus ta' kreditur ekwivalenti tal-MES u dak ta' Stati Membri oħra li jisilfu bilateralment u parallelament mal-MES.

Riżoluzzjoni ta' tilwim

Jekk ikun hemm tilwima bejn Stat Membru taż-żona tal-euro u l-MES dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-trattat li jistabbilixxi l-MES, din it-tilwima tiġi deċiża mill-Bord tal-Gvernaturi. Jekk l-Istat Membru jikkontesta din id-deċiżjoni, it-tilwima għandha titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'konformità mal-Artikolu 273 tat-TFUE.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-MES u partijiet terzi, il-liġi u l-ġurisdizzjoni applikabbli li jirregolawhom jiġu ttrattati mid-dokumentazzjoni legali u kuntrattwali li mbagħad tiddaħħal fis-seħħ bejn il-MES u dawk il-partijiet terzi.

Anness: Il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni tal-MES ibbażat fuq il-koeffiċjent tal-BĊE

Pajjiż	ISO	Koeffiċjent tal-MES
Awstrija	AT	2,783
Belġju	BE	3,477
Ċipru	CY	0,196
Estonja	EE	0,186
Finlandja	FI	1,797
Franza	FR	20,386
Ġermanja	DE	27,146
Greċja	EL	2,817
Irlanda	IE	1,592
Italja	IT	17,914
Lussemburgu	LU	0,250
Malta	MT	0,073
Pajjiżi l-Baxxi	NL	5,717
Portugall	PT	2,509
Slovakkja	SK	0,824
Slovenja	SI	0,428
Spanja	ES	11,904
Total	EA17	100,0

Noti: Il-koeffiċjent tal-MES hu bbażat fuq il-koeffiċjent ta' kontribuzzjoni ta' kapital tal-BĊE.

Stati Membri bi PDG per capita inqas minn 75% tal-medja tal-UE ser jibbenefikaw minn korrezzjoni temporanja għal perijodu ta' 12-il sena wara d-dħul tagħhom fiż-żona tal-euro.

Din il-korrezzjoni temporanja ser tkun tliet kwarti mid-differenza bejn is-sehem tad-DNG u s-sehem ta' kapital tal-BĊE (effettivament magħmula minn 75% tas-sehem tad-DNG u 25% tas-sehem ta' kapital tal-BĊE) kif ġej: $sehem\ tal-MES = sehem\ tal-koeffiċjent\ tal-BĊE - 0,75 * (sehem\ tal-koeffiċjent\ tal-BĊE - sehem\ tad-DNG)$

Il-kumpens 'l isfel lil dawk il-pajjiżi jitqassam fost il-pajjiżi l-oħra kollha skont is-sehem tagħhom tal-koeffiċjent tal-BĊE.

DNG u PDG per capita fl-2010.

Sorsi: Kalkoli tal-BĊE, Ameco u DG ECFIN.